# Vendetta

Rita Saliba

Jimmy ma kienx ilu sagħtejn li daħal xogħol, meta ħass il-mobile jivvibra fuq l-iskrivanija. Jaf li mhix Steph. Dratu. Ma ċċempillux fuq ix-xogħol. Iżda tittikah. Qabdu fi sfiċċa biex jaqta' t-telefonata fil-qasir.

"Jim!" Leħen Doris ta' ħdejhom instema' mbikkem. "Aħjar tiġi sad-dar."

Le, mhux id-dar tiegħu issa. Mhux Steph ukoll!

"X'ġara Doris?" Xtaq jirbaħ ftit ħin. Jikkonvinċi lilu li din logħba oħra ta' Doris, biex tidħol s'għandhom, tbigħ biljetti tal-lotterija. Iżda diġà qed jara x-xena quddiem għajnejh. It-tifrik. Ħġieġ imkisser.

"Mhux iħalluni nidħol, Jim."

"Min?"

"Hawn tal-protezzjoni ċivili, l-ambulanza … għedtilhom li jien il-ġara, li tafdawni imma żammewni …"

Mill-mobile sema' s-sirena ta' karozza tal-pulizija.

"Ġej!" Ma ħallihiex tkompli.

Kif wasal id-dar tela' jiġri t-taraġ. Fil-kamra tas-sodda l-ħġieġ tal-gallarija kien kollu frak ġewwa fuq it-tapiti. Il-paramediċi kienu mdawrin ma' Steph mixħuta mal-art mimlija dmija. Beda jieħu nifsijiet qosra, jixtieq jaħseb, jixtieq jitkellem fl-istess ħin. Ma semax x'qed jistaqsuh. Sejjaħ lil Steph iżda wieġbu biss leħnu jirbombja ġo moħħu.

L-infermiera qatgħu qalbhom. Għattew lil Steph b'liżar. Rahom joħorġuha barra. Xi ħadd wieżnu minn taħt abtu.

"Hemm bżonn tagħmlu xi ħaġa," qallu minn taħt l-ilsien pulizija rasu baxxuta jipprova jħażżeż rapport. "Diġà t-tielet dar f'dawn l-inħawi. U persuna oħra …"

"Mejta?" Jim għadu ma jridx iniżżilha li Steph mietet b'dal-mod.

"Jien qtiltha!" beda jlissen, "m'emminthiex ... kont immeriha ..." Iżda l-pulizija sikktu. Taptaplu fuq spalltu. Jimmy ħassu jiltewa 'l quddiem, dgħajjef … tellief.

Leħen martu dewa fi ħsibijietu.

*Għalxejn qed tmur tipprotesta. Dawk is-siġar morda. Xorta jridu jitqaċċtu. Nerġgħu nħawlu oħrajn ġodda, tinkwetax …*

L-aħħar protesta li ħa sehem fiha mar waħdu. Steph qaltlu li tiegħu kienet battalja mitlufa. Is-siġar qed imarrduhom biex imutu, u jkollhom skuża li jneħħuhom, jaqilgħuhom minn għeruqhom jekk hemm bżonn. Kienet taf li mhux imutu minn rajhom is-siġar. Bosta minnhom kienu jibqgħu weqfin jissieltu għall-aħħar nitfa ħajja li fadlilhom, bil-weraq ifarfru minn fuqhom f'ħarifa eterna. Fuq il-portals tal-aħbarijiet bdew jidhru xeni ta' eroj, ineħħu siġar imwaqqgħa fuq karozzi, isalvaw il-maqbudin ta' ġo fihom. Stejjer tal-biża' ta' żkuk jitqaċċtu fuq nies għaddejjin għall-affari tagħhom, fi triqthom lejn ix-xogħol, fuq qadjiethom. Ħajjithom mitmuma ħesrem, bħal ta' Steph. Imma Steph tassew telqet?

Misħutin siġar! Seħet lilu nnifsu kemm kien inġenwu. Dawn l-esseri jafu jivvendikaw ruħhom mill-bniedem. Ma kienx biżżejjed għalihom li jbeżżgħu lis-sewwieqa, iwerwru lit-tfal tal-iskola miġburin ġol-vann li se jwassalhom sal-għatba. Qed jinstabtu b'kemm għandhom saħħa fuq id-djar. Quddiemu ġie wiċċ ta' tfajla li rrapportaw dwarha jumejn ilu. Studenta. Ġiet għall-btajjel għand il-ġenituri tagħha. Ħajjitha maħsuda minn siġra li waqgħet fil-bitħa tagħhom … il-koppja li xtraw id-dar tat-tarf tat-triq. Il-ġirien bilkemm kienu jafuhom. Iżda jiftakar li mar jiġri mal-oħrajn forsi jirnexxilhom joħorġuhom minn qalb it-tifrik. Kien dawwar wiċċu hekk kif intebaħ li se joħorġu ġisem żgħir mgħotti

b'liżar abjad. It-triq tagħhom saret fil-mira ta' dawn il-ġganti li tant qabeż għalihom. Xejn ma swielu li kien imur jorbot il-kartelluni maz-zokk prinċipali – ASSASSINI – Tgħid ħadu għalihom? Ħasbu li qed jgħid għalihom? Issa jaf tassew min huma l-assassini.

*Jim, dak il-kartellun neħħih minn hemm?*

*Xiex? Għall-ewwel qbilt miegħi int, Steph!*

*Naf, imma m'aħniex ngħixu waħedna. Irridu nirrispettaw lill-ġirien. Mhux kulħadd jaħsibha bħalna. Doris, qaltli ...*

*Ħalliha tgħid, lil dik!*

*Mhux hekk Jim! Hi u Victor ma ħadux gost li waħħalt il-kartelluni mas-siġar t'hawnhekk. Qaltli jagħmlu ikrah …*

Doris u żewġha offrewlu kenn sakemm tissewwa l-ħsara.

"Oqgħod kemm trid," qallu Victor, "hawn qisha darek."

Mhux postu hawn. Hawn mhix daru. Irid jerġa' lura. Iżda d-dar magħluqa u l-gallarija imbarrata b'boards kbar tal-injam. Għad irid isir l-aċċess, qalulu. Ma jafx jerġax jidħol lura fiha d-dar. Hawn għand Doris seta' jkun waħdu. Doris kienet timxi fid-dar bla ma tagħmel ħoss. Toħroġ mill-bieb ta' barra u tagħlqu bil-mod. Victor kien joħroġ għax-xogħol. Postu sar fuq siġġu fil-kċina jħares 'il barra mit-tieqa lejn il-ħajt tal-bitħa. Il-ħsejjes tal-karozzi jdaħħnu mit-triq kienu jidħlu s'hawn ġew. Dit-triq kienet għoġbithom lilu u lil Steph. Saħħruhom is-siġar skjerati mal-ġenb donnhom għassa tad-djar, li jkissrulhom ħsejjes żejda, li jixorbulhom l-arja ħażina filgħodu u jobżquha billejl meta kulħadd ikun mistrieħ.

*Ara, Jim! Innota sa fejn twassal dik is-siġra. Naħseb tħawlet aktar tard mill-oħrajn. Għad taqdina tajjeb fis-sajf. Tagħmlilna ftit tal-frisk.*

Kienet tiġi eżatt quddiem il-kamra tas-sodda. Tostorhom minn għajnejn in-nies. Steph kienet tidħaq meta jgħidilha tagħlaq il-purtieri, għall-privatezza. Ġieli qam f'nofs ta' lejl bi Steph rieqda ħdejh. Iċ-ċaqliq tal-friegħi tas-siġra jfakkru li hemm ħajja oħra tissindikahom. Idejh ingħaqdu f'ponn. Seħet lis-siġra. Seħet lis-siġar l-oħra li issa qegħdin kompliċi mal-vetturi u jobżqu d-dħaħen kull ħin. M'għadhomx jagħmlu frisk fl-eqqel tas-sħana. Iħallu r-raġġi jikwu jgħaddu minn bejn il-friegħi donnhom swaba' qerrieda jippuntaw lejn l-aħħar vittma.

*Saret tbeżżagħni dis-siġra, Jim. Qisni għamiltilha xi ħaġa. Dawk iz-zkuk ħoxnin daqt jaħbtu għalina …*

Steph bdiet ta' spiss ittanbarlu, tgħawwih kontra s-siġra. Imma xi stenniet minnu? Jaqbad u jqaċċatha? Waħdu? Tassew li kull min iqaċċat siġra kien qed jitqies li qed jagħmel il-ġid, li qed jeqred il-mard, imma qatt ma ried imur kontra l-prinċipji tiegħu. Xi prinċipji? Xejn m'għadu jagħmel sens. Setgħet siġra toqtol, bi tpattija? Imma Steph x'qatt għamlet?

Qam minn fejn kien. Daħal fil-garaxx ta' Victor. Qalleb qalb l-għodda. Ġieli ġie għand Victor jitolbu xi martell jew spaner. Lil Victor issiblu kollox. Lemaħ il-pum tal-injam tal-mannara.

"Jim, x'qed tfittex?" Il-vuċi mistagħġba ta' Doris ġabitu f'sensih.

"Itlaqha minn idejk dik! Ejja ħa nagħmillek ftit te."

Ħalla lil Doris tmexxih lejn il-kċina. Ħassu donnu tifel żgħir f'idejn l-għalliema tiegħu, treġġgħu lura lejn postu. Infaqa' jibki, jaħbi wiċċu f'idejh. Is-skiet ta' Doris kien kiefer dal-ħin. Jaf li qed tħares lejh.

"Ħa noħroġ ftit," qalilha wara ftit. Mesaħ imnieħru fil-komma u qam minn fejn kien. Doris ma żammitux.

Jimmy sab ruħu miexi bħal f'ħolma. Il-ħsejjes tal-karozzi għaddejjin minn miegħu, ħorn ħasdu minn ġewwa. Ma ntebaħx li kien niżel il-bankina. F'saqajh kellu l-papoċċ tas-sodda li silfu Victor. Ried jgħaġġel iżda saqajh ħasshom tqal, donnu ilu ma jimxi, bħal qam mis-sodda wara marda twila. Qisu nesa kif jimxi dritt. Waqaf għal ftit iħares madwaru. Iva, jiftakar fejn kellu jmur. Hemm għadu l-post. Jgħaddi minn quddiemu kuljum bil-karozza u ftit jagħti kas jekk inbidilx, jekk neħħewhiex dik il-ġnejna żgħira, maqrut f'nofs triq traffikuża. Il-ħornijiet żdiedu. Xi ħadd offendieh biex iwarrab min-nofs iżda Jimmy ma tax kas. Baqa' miexi b'ħarstu dritta. Hemm kienet għadha s-siġra bil-bank tal-ħadid taħtha. Siġra tal-Aleppo. Bħalha. Dar dawra maz-zokk tagħha jnixxi x-xema'. Stkerrahha. Lil Steph kienet togħġobha. Kienet tinsisti li tistennieh hawn fuq dal-bank, lura fiż-żmien meta ma kinux jgħaddu wisq karozzi. Kienet togħġobha riħitha, kienet tgħidlu li jekk isibu d-dar tagħhom tħawwel waħda. U meta raw id-dar l-ewwel m'għoġbitha kienet siġra bħalha, eżatt quddiem il-bieb tal-gallarija tal-kamra tas-sodda.

Ma felaħx joqgħod aktar fuq saqajh. Ħasshom iċedu. Ried joqgħod bilqiegħda. Il-karozzi baqgħu għaddejjin ivenvnu quddiemu. Uħud mill-uċuħ jibqgħu jħarsu f'għajnejh, jistaqsuh hux f'sensih.

*X'int tagħmel, Steph?*

*Inħażżeż id-data ta' meta sibna d-dar tagħna. Imma, ħej, kemm hu diffiċli tħażżeż fuq daz-zokk!*

*Ġib ħa nħażżiżhielek jien.*

Qam bi sforz minn bilqiegħda u dar dawra maz-zokk ifittex data mħaffra ġo fih. Il-qoxra bdiet tfarfar taħt idejh. Dis-siġra kielha l-mard. Oħra milli sqewha t-taħlita velenuża, jeħilsu minnha fi ftit żmien. Minflokha jagħmlu pavimentar biex in-nies ikollhom minn fejn jgħaddu qabel jaqsmu l-baħar tat-traffiku jdaħħan. Tinxtamm tinten. Taf li qed titħassar. Tissielet biex tibqa' wieqfa iżda se togħtor taħt il-piż tagħha stess ma ddumx. U qabel tinżel, issib vittma oħra bħalma qed isibu sħabha mħawlin fit-triq. Fergħa tniggeż niżlitlu lejn għajnejh. Ħafinha f'idu u qaċċatha. Mielet lejh bi sfida. Taha bil-ponn fuq iz-zokk vojt. Weġġa' idu u ħass demmu jbaqbaq għaliha. Beda jagħtiha bis-sieq. Jisħetha, jobżqilha. Beda jġebbdilha l-friegħi 'l isfel, iqatta' fihom. Id-demm tħallat max-xiropp isfar tas-siġra u ddellek ma' ħwejġu. Tah ferħ ta' ġenn; iwerżaq u jgħajjat kemm jiflaħ, b'leħnu fgat mill-karozzi għaddejjin diżinvolti.

Id soda żammitu minn spallejh u reġa' ħassu dgħajjef. Victor kien qed imexxih lura. Kellu xi nies miegħu lebsin ġkieket sofor.

"Ejja d-dar, Jim. Issa jieħdu ħsieb huma."

Tal-ġkieket sofor ġew armati bis-slielem u b'attrezzaturi oħra, lesti biex iqaċċtu s-siġra. Wieħed minnhom resaq lejha, xegħel iċ-chain saw. Il-ħoss iżarżar intefa kemxejn mit-traffiku għaddej. Jimmy ma ħarisx lura jara s-siġra taqa' b'tisbita fuq il-bank tal-ħadid, iżda n-naħa l-oħra tat-triq ra lil Doris tħares ċass quddiemha, għajnejha minfuħin u mdemmgħa. Hu u Victor baqgħu mexjin lejha iżda ħarsitha baqgħet fissa quddiemha. Hekk kif qorbu lejha semagħha tlissen b'leħen fgat, "ASSASSINI!"